**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Kurt Cini**

**Kawza Numru: 2011/2023**

**Illum, 11 t'April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Kurt Cini** ta' 42 sena, iben Mark Cini u Josephine Mary Cini nee' Dalli, imwieled Attard nhar it-18 ta' Mejju 1980 u residenti ġewwa Da Vinci, Flat 2, Triq Vittorio Cassar, M'Skala u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 294780M,

**Akkużat** talli f'dawn il-Gzejjer u cioe nhar id-29 ta' Mejju 2022 ghall-habta tas-01:00am fi Triq il-Kbira, Mosta:

1. Volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u/jew ġlied u/jew mod iehor;

2. U aktar talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi hebbejt ghal Justin Saliba u kkagunajtlu offiża ta' natura hafifa skond ma ċċertifikat Dr Louise Gatt M.D. Reg No: 2189 mic-centru tas-sahha tal-Mosta;

3. Ukoll talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi hebbejt ghal Franceesca Attard u kkagunajtilha offiża ta' natura hafifa skond ma' ċċertifikat Dr Louise Gatt M.D. Reg No: 2189;

4. Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi soqt vettura ta' l-ghamla Porsche bin-numru ta' reġistrazzjoni BCE 017 b'manjieta traskurata;

5. Ukoll talli soqt vettura ta' l-ghamla Porsche bin-numru tar-registrazzjoni BCE 017 b'manjiera perikoluża.

6. Ukoll talli soqt vettura ta' l-ghamla Porsche bin-numru tar-registrazzjoni BCE 017 b'manjiera bla kont.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Justin Saliba u Francesca Attard jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità, ghal perjodu ta' żmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skond l-Art 30 ta' Kodici Kriminali.[1]

Ral-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023 il-parte civile Justin Saliba u Francesca Attard debitament assistiti irrinunzjaw ghall-azzjoni odjerna u iddikjaraw li ma ghandhomx aktar interess fil-kawza.[2]

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2025 il-Prosekuzzjoni iddikjarat m'ghandhiex sottomissjonijiet finali x'taghmel u se tistrieh fuq il-provi in atti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difiza fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2025[3].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

[1] Folio. 1 tal-process.

[2] Folio 11 tal-process. Folio 13 fis- 6 ta' Ottubru regghet giet ikkonfermata tali dikjarazzjoni.

[3] Folio 35 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda incident li allegatament sehh fid-29 ta' Mejju 2022 fil-Mosta fejn l-imputat hebb ghal Francesca Attard u Justin Saliba fil-pubbliku. Qed jigi allegat ukoll li s-sewqan tal-imputat kien ukoll bi vjolazzjoni tal-ligi.

**Provi**

Xehed **PS 1222 Karl Vella Cassia** li permezz ta' affidavit datat 6 ta' Gunju 2022 spjega dak li gie irrapurtat lilu mill-vittmi.[4]

Xehdet **Dr. Louisienne Gatt** permezz ta' affidavit fejn esebiet certifikati medici ta' Francesca Attard u ta' Justin Saliba.[5]

Xehed **John Borg** nhar is-6 ta' Ottubru 2023 fejn qal li jiftakar li t-triq, Main Street, Mosta kienet maghluqa pero' jghid li minn ghalih gara f'*Ottubru 2020- 2022*.[6] Qal li ra karrozza tiela' pero' ma setetx tghaddi minhabba l-makkinarju. Kienet karozza bajda lussuza. Hu kien fil-hanut San Remo u kien qisu sittin (60) metru boghod. Qal li ra lill-imputat u zewg persuni jargumentaw. Sema' l-ghajjat. Jghid li t-tfajla kellha xi demm pero' lill-imputat ma rahx isawwatha. Jghid li l-imputat kien irrabjat, u saq il-vettura lura. Jghid li kien qed isuqha normali. Jikkonferma li sema' l-ghajjat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ser tiskarta l-affidavit ta' PS 1222 Karl Vella Cassia u d-dokument minnu redatt 10/POL/2178/2022[7] u dan minhabba li l-lok

[4] Folio 7 sa 9. Dan l-affidavit ser jigi skartat ghar-ragunijiet li ser jinghataw aktar 'l isfel.

[5] Folio 16 sa 19 tal-process.

[6] Folio 20 sa 25 tal-process.

[7] Dan mhux guramentat u jidher li dahhlitu fis-sistema PC 1002 Annabelle Cuachi li ma xehditx f'dawn il-proceduri.

'*Ghassa Pulizija*' mhux ben identifikabbli u dan skond gurisprudenza recenti fuq dan li tghid minghajr ebda tlaqlieq li l-lok fejn jinghata l-gurament irid ikun identifikabbli *ad validatem*.[8]

**Ikkunsidrat:**

Skartat l-affidavit ta' PS 1222 Vella Cassia jibqa' biss ix-xhieda ta' John Borg li:

1. Jikkonferma li l-imputat kien involut f'argument ma' zewg persuni, ragel u mara;
2. Li kien hemm l-ghajjat fil-lok indikat fic-citazzjoni;
3. Li l-imputat kien qed isuq b'mod normali;
4. Ma jikkonfermax iz-zmien meta sehh l-argument li qed jirreferi ghalih;
5. U lanqas jikkonferma li l-incident li ra hu sehh fid-data indikata fic-citazzjoni.

Il-Qorti tinnota li x-xhud ma kienx jaf meta gara l-incident li kien qed jirreferi ghalih. L-incident indikat fic-citazzjoni allegatament sehh fid-29 ta' Mejju 2022 filwaqt li x-xhud jghid li l-incident li kien qed jixhed dwaru sehh f'Ottubru. Lanqas is-sena mhi daqshekk preciza. Fl-assenza ta' provi ohra l-Qorti ma tistax tassumi li dak li irrakkonta Borg kien fuq l-incident mertu ta' dawn il-proceduri u in ogni caso l-aktar li tista' tirrizulta hija biss l-ewwel akkuza ghax l-akkuzi numru tnejn u tlieta gew rinunzjati filwaqt li minn dak li qal ix-xhud okulari l-akkuzi numru erba', hamsa u sitta zgur li ma jirrizultawx.

[8] **Il-Pulizija vs Pauline Agius Cassar** (App Nru. 2803/2022) u **Il-Pulizija vs Toussaint Azzopardi** (App. Nru. 1513/2024) decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, t-tnejn per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

Ma hemmx ghalfejn li l-Qorti tfakkar illi hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni u li l-imputat m'ghandu ghalfejn jipprova xejn.

Mill-kwadru probatorju in atti l-Qorti hija tal-fehma li anki fuq l-akkuza numru wiehed hemm dubju ragonevoli u l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tirrizulta tali akkuza huma mankanti, konsegwentament dan jimmilita favur l-imputat.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(dd), 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tillibera lill-imputat minn kull htija u piena fir-rigward ta' l-istess akkuzi.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat din is-sentenza fi kliem car u semplice.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet minnufih u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema digitali tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 11 t'April 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Heidi Zammit
Deputat Registratur